MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 428/2004

**Socjeta' Muzikali San Guzepp**

**Vs**

**Anthony Attard**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Permess illi s-Socjeta' Muzikali San Guzepp kienet ikkumisjonat lil Maestro William sive Willie Attard ghal diversi snin bhala surmast tas-Socjeta' bejn l-1928-1945 sabiex dan jidderrigi l-banda u jikkomponi zewg marcijiet fis-sena, bil-ftehim li l-imsemmija marcijiet ikunu propjeta' esklussiva tas-Socjeta' Muzikali San Guzepp;

Premess illi Willie Attard kien ikkompona diversi marcijiet (kif jidhru fuq Dok A hawn anness) fost ohrajn ‘L-Innu Marc San Gejtanu’ u ’Innu tal-Banda San Guzepp’ skond il-ftehim hawn fuq imsemmi;

Premess illi ghal dawn l-ahhar cirka sittin sena s-Socjeta’ Muzikali San Guzepp ghamlet uzu tal-marcijiet kollha li kkompona Willie Attard, inkluz kontinwament ta’ dawn iz-zewg marcijiet hawn fuq imsemmija, matul il-festi, kuncerti, u attivitajiet ohra li huma organizzati minn u li jiehdu sehem fiha s-Socjeta’ Muzikali San Guzepp;

Premess illi fl-1996 Anthony sive Twanny Attard, tifel tal-Maestro Willie Attard ma kienx inghata l-kariga ta’ surmast tas-Socjeta’ Muzikali San Guzepp u l-istess kariga inghatat lil Maestro Ivan Borg, u dan ta’ l-ewwel kiteb u rraporta lil dan ta’ l-ahhar fejn qal li l-imsemmi Ivan Borg m’ghandux il-kwalifiki necessarji sabiex ikun surmast, liema sitwazzjoni kienet deciza mill-Qorti tal-Magistrati fil-kawza Numru 475/2002 fl-ismijiet: Pulizija vs Anthony Attard deciza fit-13 ta’ Jannar 2003 mill-Magistrat Antonio Mizzi, fejn Twanny Attard talab skuza u ta’ apologija lil Maestro Ivan Borg;

Premess illi Anthony sive Twanny Attard jallega u jsostni li tali marci huma propjeta’ tieghu u anke abbuzivament dahal fi ftehim ma’ diversi ghaqdiet muzikali, socjetajiet tal-baned u ghaqdiet simili fejn qieghed abbuzivament u llegalment jaghti d-dritt lil dawn ta’ l-ahhar sabiex jaghmlu uzu mill-muzika li kkompona missieru u li hi propjeta’ assoluta tas-Socjeta’ Muzikali San Guzepp;

Premess li s-Socjeta’ Muzikali San Guzepp diversi drabi widbet lil konvenut biex jiddezisti mill-agir illegali tieghu izda inutilment ghax il-konvenut baqa’ jsostni li ghandu dan il-jedd;

Jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:

1. Taghti zmien lil konvenut biex igib ‘il quddiem il-pretensjoni tieghu;

2. Timpedixxi lil konvenut biex qatt izjed ma jsostni tali pretensjoni.

3. U li konsegwentament biex il-konvenut jigi nibit milli jiddisponi mill-marcijiet imsemmija, senjatament ‘L-Innu Marc San Gejtanu’ u ‘Innu tal-Banda San Guzepp’.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process.

Rat in-**Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 25 tal-process fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigi michuda bl-ispejjez stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt minhabba s-segwenti ragunijiet:

1. Preliminarjament, in-nullita’ tal-kawza tal-jattanza, stante li l-konvenut u l-genituri tieghu ilhom jivvantaw il-pretensjonijiet imsemmija fil-kawza fl-ismijiet premessi ghal snin twal, u ghalhekk ir-rekwizit li kwalsiasi azzjoni ta’ jattanza ssir fi zmien sena mill-pretensjoni ai termini tal-Artikolu 403 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ma tissussistiex.

2. Fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-marci komposti minn missier l-eccipjenti, l-Maestro William sive Willie Attard baqghu propjeta’ tal-istess Meastro u eventwalment tal-konvenut u ta’ hutu u dan skond ftehim li kien sar mas-socjeta’ muzikali attrici stess u kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi ghalhekk il-konvenut bhala eredi tal-Maestro Willie Attard ghandu l-jedd li jiddisponi mill-marcijiet imsemmija u minn marcijiet ohra stante li dawn huma propjeta’ assoluta tieghu u tal-koeredi l-ohra u s-socjeta’ muzikali attrici m’ghandha l-ebda titolu ghall-istess.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**Eccezzjoni preliminari**

Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Skond dina l-eccezzjoni l-konvenut qed jeccepixxi n-nullita tal-kawza stante li l-konvenut u l-genituri tieghu ilhom jivvantaw il-pretensjonijiet imsemmija fil-kawza ghal snin twal, u ghalhekk ir-rekwizit li kwalsiasi azzjoni ta' jattanza ssir fi zmien sena mill-pretensjoni ai termini tal-Artikolu 403 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma tissussistiex.

Illi din hija kawza ta' jattanza, maghmula mill-atturi a tenur tal-procedura stabbilita bit-Titolu VIII, sub-titolu II "**Fuq il-Gudizzju ta' Jattanza**", artikoli 403 et. seq. tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-imsemmi artikolu 403 jipprovdi li:

*"Meta f'att gudizzjarju, jew xort'ohra bil-miktub, persuna tippretendi li ghandha xi jedd, il-parti li trid tehles minn din il-pretenzjoni tista' fi zmien sena mill-istess pretenzjoni, titlob, b'citazzjoni, li jigi moghti zmien lill-persuna li ppretendiet li ghandha dak il-jedd, biex iggib 'il-quddiem b'kawza dik il-pretenzjoni, u li, fin-nuqqas ta' dan, jigi lilha impedut li tagixxi qatt izjed ghal dik il-pretenzjoni."*

Ghal ezercizzju ta' l-azzjoni ta' jattanza hemm bzonn il-konkors ta' dawn ir- rekwiziti, li huma:-

(1) Li jkun hemm il-militanza ta' pretensjoni;
(2) Li dik il-pretenzjoni tirrizulta minn att gudizzjarju jew bil-miktub;

(3) Li min jezercita l-azzjoni jkun irid ikun fil-pussess tad-dritt li fuqu tigi maghmula l-militantazzjoni. (Vol p 1 p 645 1/7/46 Borg vs Borg pro et noe).
(4) Li l-parti li trid tehles minn dik il-pretenzjoni iggib fi zmien sena mill-istess pretenzjoni talba b'citazzjoni.

"*Per farsi luogo all'esercizio della'azione di jattanza e' necessario provare il possesso delle cose sopra cui fossero millantate delle pretensioni*." (Imbroll -vs- Ellul deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Ottubru, 1858 - Vol I pI p171)

"Huwa rekwizit tal-millantazzjoni illi l-persuna li kontra taghha ssir il-millantazzjoni tkun fil-pussess ta' dak li fuqu ssir il-millantazzjoni." (Vol XXIX pII p678).

**Provi**

Charles Azzopardi xehed li l-Maestro William Attard, missier il-konvenut, kien Surmast mas-Socjeta' attrici u kien gie mqabbad biex jidderigi u jikkomponi marcijiet li kienu proprjeta' tas-socjeta' attrici. Fosthom il-Maestro kien ikkompona z-zewg marci imsemmija fic-citazzjoni. Fil- 1996 il-konvenut Anthony Attard beda jallega li dawn il-marci kienu proprjeta tieghu u dahal fi ftehim ma ghaqdiet muzikali ohra biex juzaw il-muzika li kkompona missieru li kienu proprjeta' tas-socjeta' attrici. Ix-xhud jghid li m'ghandu ebda kuntratt li sar bejn il-Maestro u s-socjeta' attrici. Isemmi li kien hemm ftehim fuq dak li sema minghand haddiehor. Hu ma jiftakarx li kien irceva id-dokument WA7 ezibit a fol 81 u jekk ircevieh ghaddieh lill kumitat. Il-kwistjoni tal-*ownership* tal-marcijiet kienet bdiet qabel il-1978.

Min-naha l-ohra Anthony Attard xehed li missieru kellu ftehim mas-socjeta' attrici li darba fis-sena jirregala zewg marci godda lilha. Kienet konswetudini tas-socjeta' attrici li l-marc li jinkiteb isir proprjeta' esklussiva taghha ghal sena biss, u wara l-kompozitur ikun liberu li jiddisponi mill-istess skond ix-xewqat tieghu. (Ara dok WA1 a fol 40). Iz-zewg marci in kwistjoni qatt ma nghataw lis-socjeta' attrici b'riserva shiha lilha. Fil-fatt l-original taghhom mhux

qieghed fl-arkivju tas-socjeta' attrici imma ghand il-kompozitur u fuqhom lanqas ma hemm l-isem jew it-timbru tas-socjeta' attrici bhal ma hemm fid-dok WA5 (Soc. Victoria tal-Mellieha) u Dok WA6. Ghalhekk is-socjeta' attrici ma tistax tindahallu x'jaghmel bil proprjeta' tieghu.

Gaetano Cuschieri jghid li ma kien hemm ebda ftehim bil-miktub bejn is-socjeta' attrici u l-Maestro Attard dwar il-marci li dan kien ikkompona.

Henry Zammit Cordina li kien President tas-socjeta' attrici meta nghaqet dina l-kwistjoni tal-marci, jghid li ma nstab l-ebda kuntratt ta' esklussivita' li sar bejn il-Maestro Attard u s-socjeta' attrici. Huma dejjem kienu taht l-impressjoni li l-marci kienu proprjeta' taghhom.

**Kontestazzjoni**

Il-konvenut qed jissottometti li t-terminu biex tigi intavolata din it-tip ta' kawza ghadda billi l-kwistjoni li biha l-konvenut qed jallega li l-marci huma tieghu ilha li bdiet snin twal ilu.

Is-socjeta' attrici min-naha taghha tghid li veru li l-kontestazzjoni ilha zmien izda l-perjodu ta' sena ghandu jibda jghaddi min meta l-konvenut tah l-marci lill terzi u meta gie inibit bil-mandat cjoe fil- 2003 (ara dok a fol 119).

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-konvenut qed jeccepixxi li azzjoni ta' jattanza ghandha ssir fi zmien sena mill-pretenzjoni bil-miktub a termini ta' l-Artikolu 403 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-atturi qed jippretendu li l-konvenut qed isostni li l-marci in kwisjtoni huma proprjeta' tieghu u dahal fi ftehim ma' diversi ghaqdiet muzikali fejn qieghed jaghti d-dritt lil dawn ta' l-ahhar sabiex jaghmlu uzu mill-muzika li kkompona missieru u li hi propjeta' assoluta tas-Socjeta' Muzikali San Guzepp.

Illi mill-provi prodotti mill-atturi ma jirrizultax li kien hemm xi ftehim jew kuntratt bil-miktub bejn il-Maestro Attard u l-kumitat tas-socjeta' attrici li bih il-Maestro ghaddha l-marci lill atturi. Anzi l-konvenut gab prova li missieru kellu ftehim mas-socjeta' attrici li darba fis-sena hu jirregala zewg marci godda lilha. Kienet konswetudini tas-socjeta' attrici li l-marc li jinkiteb isir proprjeta' esklussiva taghha ghal sena biss, u wara l-kompozitur ikun liberu li jiddisponi mill-istess skond ix-xewqat tieghu. (ara dok a fol 115).

Fil- 1978 il-konvenut kien baghat ittra permezz ta' l-Avukat tieghu, (ara dokument WA7 ezibit a fol 81) fejn hu kien bil-miktub iddikjara li z-zewg marci kellhom jibghu proprjeta' assoluta tal-familja tal-maestro Attard kif fil-fatt kienu hekk dak iz-zmien.

Charles Azzopardi, prodott mill-atturi, xehed li fil- 1996 il-konvenut Anthony Attard beda jallega li l-marci in kwistjoni kienu proprjeta' tieghu u dahal fi ftehim ma ghaqdiet muzikali ohra biex juzaw il-muzika li kkompona missieru li kienet proprjeta' tas-socjeta' attrici. Hu jammetti li l-kwistjoni ta' l-ownership tal-marcijiet kienet diga bdiet qabel il- 1978, u cjoe meta kienet inkitbet l-ittra.

Skond il-ligi l-azzjoni ta' jattanza ghandha tingieb 'il quddiem fi zmien sena mill-pretenzjoni u l-pretenzjoni trid tkun saret b'att gudizzjarju jew xort'ohra bil-miktub.

Issa fil-kaz in ezami l-kwistjoni ta' *ownership* tal-marcijiet kienet ilha zmien ghaddejja u biss biss fil- 1978 il-konvenut kien qed jippretendi li l-marci kienu tieghu. Kien biss f'Gunju 2004 li giet prezentata l-azzjoni ta' jattanza, wara li skond l-atturi kien sar mandat ta' inibizzjoni.

Illi ghalhekk l-atturi ma setghux jipprocedu issa fit- 2004 bl-azzjoni ta' jattanza billi jonqos rekwizit essenzjali ghal promozzjoni ta' l-azzjonji in kwisjoni, cjoe li jipprocedu entro sena minn meta ssir l-pretenzjoni. "*Non si deve estendere il diritto di promuovere l'azione di jattanza oltre i limiti prescritti dell'antica giurisprudenza* (Cilia La Corte vs Caruana deciza mill-Prim Awla fl-24 ta' Marzu, 1844).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa’ l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut
U tichad it-talba attrici
Bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------